**Tibdiliet**

Daqqa l-bniedem jgħid ħaġa
Imbagħad jdurlu malajr,
Daqqa jħossu hawn mwaħħal
U daqqa jtir 'l fuq bħat-tajr.

Għax dan jaf jagħmel 'l-bniedem
Jiġri ġiri fl-univers,
Hawn hu l-bniedem li biss irid
Jara l-ġdid f'kull ktieb u vers.

Min jagħtih tort li jfittex?
U li jistaqsi kull ħin?
Min ilumu b'dak li sab?
Mhix 'd-dinjità tiegħu din?

Imma l-bniedem x'se jagħmel
La jsib tiegħu 't-tweġiba?
Tgħid sejjer jgħollu rasu?
Mhux se jieħu x' tisbita?

U x'jitgħallem il-bniedem
Mill-qares li jidħol fih?
Li l-ħajja hi mogħdija
Kulma jiġi merbħa bih!

Imbierek dak il-bniedem
Li jifhem mill-bogħod w 'l-viċin,
Li ħajtu malajr tgħaddi
F'daqqa waħda jtirlu l-ħin.

Għalhekk ħalli jitfarraġ
U jħares lejn is-sabiħ,
Għax anki fid-dgħjufija
Hemm il-qawwa tat-tnebbieħ.

Dak it-tnebbieħ li jgħinna
Naraw f'kollox l-isbaħ ward,
Dak it-tajjeb li fina
l-grazzja t'Alla qatt m'hi tard.

It-tajjeb li jfawwarna
It-tajjeb li jaħjina,
It-tajjeb li jfarraġna
It-tajjeb li jisqina.

Dak li l-Missier lestilna
Għax uliedu aħna lkoll,
Imbierka hi l-imħabba

Li qalb iebsa hi taf tħoll!

Din hi l-isbaħ u l-aqwa
Ġrajja sbejħa mal-mijiet,
Din hi l-aqwa tħaddina
Li ġġib magħha 't-tibdiliet!

Patri Mario Attard OFM Cap
5 ta' Ġunju 2021

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.